MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 67/2010

**Dr Charmaine Xuereb (ID 202764) u Mark Cilia La Corte (ID 381261)**
**vs**
**Bernice Ebejer (ID 435886M) u Raymond Gatt (ID 527575M)**

Illum 11 ta' Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat fit 2 ta' Marzu 2010 ippresentat mir-rikorrenti fejn talbu lill-Qorti tiddikjara illi email mibghuta mill-konvenuti u pubblikata fuq l-internet kienet malafamanti u dispreggjattiva fil-konfront tar-rikorrenti Dr. Charmaine Xuereb u ghalhekk talbu illi l-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuha danni rizultat ta' tali fatt.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ippresentat fil 25 ta' Marzu 2010, illi preliminarjament sahqu illi Raymond Gatt kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghax ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-email, filwaqt illi, fil-meritu, sahqu illi l-email li ntbghatet minn Bernice Ebejer intbghatet

privatament lill sitt persuni u ghalhekk ma kienetx pubblika. Huma sahqu wkoll illi dak li intqal kien biss opinjoni personali ta' Ebejer u, ftit granet wara illi intbghatet l-email meritu tal-kawza odjerna, intbghatet email ohra minn Ebejer fejn spjegat ruhha u ccarat kull 'misunderstanding' illi seta kien hemm.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Charmaine Xuereb** moghtija fl 20 ta' Ottubru 2010 u fil 25 ta' Jannar 2011 fejn esebiet ukoll dokumentazzjoni.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Evrydike Kovac** moghtija fil 25 ta' Jannar 2011 u ir-rapport minnha ppresentat ta' l-awtopsja minnha maghmul.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Anthony Gruppetta**, moghtija fil 25 ta' Jannar 2011, bhala President tal-Kunsill tal-Veterinarji fiz-zmien meta gara il-kaz meritu tal-kawza odjerna, kif ukoll dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Rat ix-xhieda ta' **Andre Curmi**, moghtija fil 25 ta' JAnnar 2011, li kien ircieva email flimkien ma' attachment minn certa Gabriella Micallef illi, eventwalment huwa baghat lill diversi persuni ohra.

Rat id-dokument, ossija ittra ippresentata fis 6 ta' April 2011 u mibghuta mill-Kunsill tal-Veterinarji fit 23 ta' Marzu 2011 fejn gharraf lill-intimata Bernice Ebejer illi ma setghux jikkonkludu illi kien hemm kaz ta' xi nuqqas da parte tar-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda tal-**PC1490 Joseph Muscat** mogthija fl 14 ta' Ottubru 2011  illi kkonferma illi l-email intbaghet minghand certu Raymond Portelli illi joqghod Birzebbugia.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Roberto Andrea Balbo**, president attwali tal-Kunsill ta' Veterinarji, moghtija fl 14 ta' Ottubru 2011 kif ukoll dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Bernice Ebejer** moghtija fit 8 ta' Marzu 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Louis Ebejer** moghtija fit 13 ta' Mejju 2013, li huwa missier l-intimata Bernice Ebejer.

Rat l-affidavit ta' **Maria Izzo** ippresentat fit 13 ta' Mejju 2013.

Semghet il-kontro ezami ta' Bernice Ebejer moghtija fl 24 ta' Gunju 2013.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fis 7 ta' Ottubru 2013, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kaz odjern jirrigwarda email illi Bernice Ebejer baghtet lill xi persuni li kienet tinkludi wkoll maghha attachment li kien dokument minnha miktub u intitolat "***Justice in memory of our beloved dog Muffin***", f'liema dokument isiru allegazzjonjiet dwar l-operat tar-rikorrenti Dr Charmaine Xuereb waqt u wara intervent mediku illi hija ghamlet lill-kelba 'Muffin' ta' Ebejer, liema allegazzjonjiet Xuereb tilmenta li huma malafamani u difamatorji fil-konfront taghha.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimata kienet giet infurmata illi kien hemm skema sponsorizzata minn '**Dog Trust**' fejn hija setghet issewwi l-kelba taghha minghajr ebda hlas. Kien ghalhekk illi hija ghamlet uzu minn dina l-offerta u ghamlet zewgt appuntamenti ghand ir-rikorrenti Xuereb, l-ewwel wahda biex tara il-kelba u t-tieni wahda biex toperaha.

Jirrizulta illi wara illi ghamlet l-operazzjoni fit 18 ta' Jannar 2010, il-kelba marret lura d-dar ta' l-intimata u kienet qieghda tirkupra sew meta l-intimata indunat illi kien hiereg id-demm minn fejn kienet giet operata. Hija ppruvat tikkomunika mar-rikorrenti, izda ghal xejn, u ghalhekk ikkomunikat mas-servizz ta' l-emergenza tal-Veterinarji. Inizjalment intqalilha li ma kellhiex raguni tinkwieta izda, sussegwentement, meta baqa' hiereg id-demm, l-intimata

regghet cemplet u insistiet li xi hadd jaraha u kien ghalhekk illi hija marret ghand it-tabib ta' l-emergenza, certu Dr Zoran Yakovic, ghal xi siegha ta' filghodu. Hemmhekk dana Dr Yakovic ezamina il-kelba mill-gdid u hass il-htiega illi joperaha peress illi sahaq illi s-suturi li kienu saru lill-kelba ma kienux tajbin. Eventwalment huwa reggha opera il-kelba u allegatament stqarr li kien hemm diversi suturi nieqsa minn gewwa il-kelba u issa l-kelba kellha suturi tajba.

L-intimata, wara illi semghet dan, regghet marret lura d-dar kuntenta illi issa l-kelba taghha kienet tajba u li ser tirkupra u hekk kien sakemm, wara nofsinhar, sabet lill-kelba mejta. Dina kienet xokkanti fuq l-intimata illi, sa dak il-hin, kienet certa li l-kelba taghha kienet ser tirkupra sew. Tant kienet dispjacuta u irrabjata b'dak illi kien gara illi hija kitbet ittra fis-sahna tal-mument u baghtitha lill diversi hbieb taghha. Sussegwentement, granet wara, meta l-kwistjoni kienet giet rifertuta lill-Pulzija mir-rikorrenti Xuereb, l-intimata Ebejer regghet baghtet email fejn sahqet illi hija ma kienetx qed tiddubita mill-kwalifiki akkademici tar-rikorrenti izda insistiet li annimali kellhom jigu ttrattati b'imhabba u rispett.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif stqarret ir-rikorrenti fix-xhieda taghha, hija kellha l-kwalifiki kollha akkademici sabiex tkun tista tahdem bhala Veterinarja u li qatt ma kellha kaz fejn kelba ta' erbgha snin tmut wara operazzjoni ta' sterilizazzjoni. Hija stqarret li meta rat il-kelba l-ewwel darba, dina kienet b'sahhitha u mizmuma sew u ghalhekk iffissat id-data ghall-operazzjoni. Wara l-operazzjoni hija ma kienet semghet xejn izda jumejn wara, 20 ta' Jannar 2010, kienet irceviet telefonata minghand id-Dogs Trust fejn dawn gharrfuha li l-intimata Ebejer kienet cemplitilhom tilmenta li wara l-operazzjoni kienet mietet il-kelba.

Xuereb tghid li Ebejer sussegwentement ghamlu awtopsja fuq il-kelba u irrizulta li l-kelba mietet mhux rizultat ta' telf ta' demm jew suturi hziena izda rizultat tal-fatt illi l-milsa

ta' l-istess kelba kienet kibret enormement u dana kien dovut ghal fatt illi l-kelba ma felhietx ghat-tieni operazzjoni illi saritilha fi zmien qasir.

Dwar il-kaz meritu tal-kawza odjerna, Xuereb tistqarr illi hija saret taf bl-email illi kienet baghtet l-intimata Ebejer madwar gimgha wara illi attwalment intbghatet, u dana wara illi ghaddihulha persuna li kien jafha. Wara illi saret taf b'dan, hija rrappurtat il-kaz lill-Puluzija u dawna niedu proceduri kriminali fil-konfront taghha, li r-rizultat taghhom il-Qorti ma hijiex a konoxxenza taghhom stante illi, sa l-ahhar seduta, il-partijiet infurmawha li l-kawza kienet ghadha pendenti. Wara l-intervent tal-Puluzija, hija saret taf li kien hemm awtopsja illi lilha ezonerata minn kwalsiasi responsabbilta u ghalhekk, tramite il-Puluzija, talbet lill-intimati sabiex jirtiraw l-akkuzi, liema akkuzi huma irrifjutaw illi jirtiraw u ghalhekk saret il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi kollha ppresentati, jidher li l-kwistjoni kollha li wasslet lill-intimata Ebejer tkun daqstant irrabbjata lejn ir-rikorrenti Xuereb ghal mewt tal-kelba taghha kienet dak li qalilhom it-tabib Dr Zoran Yakovic, l-assenti minn dina l-kawza. Dana qieghed jinghad ghax, skond rapport illi Dr Anthony Gruppetta, dak iz-zmien President tal-Kunsill Veterinarju, kien ghamel wara li tkellem ma' l-intimati kien ukoll ma' l-istess Dr Yakovic, l-intimati sahqu li Dr. Yakovic kien qalilhom li kien hemm varji suturi nieqsa bhala rizultat ta' liema fatt il-kelba kienet qed titlef id-demm minn gewwa.

Il-fatt li dina l-Qorti temfasizza l-fatt li Dr Yakovic huwa l-assenti minn dina l-kawza hija dovuta ghal dak li eventwalment jirrapporta Dr Gruppetta fir-rapport tieghu dwar dak li qallu Dr Yakovic. Di fatti, jirrizulta illi meta huwa ezamina il-kelba huwa ntebah illi xi hadd li kien qed jakkumpanja lil sid il-kelba, jigifieri l-intimata Ebejer, u li stqarr li kellu esperjenza fin-nursing, kien ghamel sutura ohra fuq il-kelba peress illi kienu infethulha xi suturi li

sarula. Huwa stqarr ukoll lill Dr Gruppetta li, meta huwa reggha opera lill-kelba, huwa sab illi s-suturi interni kienu kollha intatti izda il-kelba kienet qed titlef id-demm minn gewwa. Kien ghalhekk illi huwa reggha ghamel is-suturi fuq il-kelba, kemm minn gewwa kif ukoll minn barra bir-rizultat illi d-demm twaqqaf u il-kelba ittiehdet mill-intimata.

**Ikkunsidrat**

Id-difiza imqajjma mill-intimati fuq il-meritu huma tnejn: il-fatt li l-komunikazzjoni kienet wahda limitata u ghalhekk ma kienetx komunikazzjoni pubblika w il-fatt li dak qalet l-intimata kien opinjoni personali, ossija 'fair comment'.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, jinghad illi wahda mill-elementi tal-libell hija l-pubblicita, liema pubblicita, minnha innifisha taghti x'tifhem li dak li ntqal ma sarx b'mod privat bejn zewgt persuni izda mar oltre tali sfera u gie a konoxxenza ta' aktar minn zewgt persuni. Fil-kaz odjern, skond ix-xhieda ta' l-istess intimata kif ukoll id-difiza taghha stess, hija tghid li l-pubblikazzjoni, ghalkemm privata, intbghatet lill sitt persuni. Tali ammissjoni, ghal dina l-Qorti, hija sufficjenti biex jintwera illi attwalment l-element tal-pubblikazzjoni rikjest sabiex kawza ta' libell tirnexxi gie ippruvat.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ukoll ma tosservax il-kliem li intuzaw fl-ittra li kienet annessa ma' l-email mibghuta mill-intimata Ebejer, fejn, f'zewgt okkazzjonjiet lejn l-ahhar ta' l-email, ghamiltha cara illi riedet li tali ittra tinghata pubblikazzjoni vasta. Di fatti, hija tghid:

*" ... we do not want our case to be repeated and therefore we beg you to circulate this email as much as possible so that justice can be done and trust renewed in our vets"* u

*"Please forward this e-mail to each and everyone you know and anyone who wishes to know more may contact us ..."*

Ghalhekk, jidher car hafna li l-intenzjoni ta' l-intimata meta kitbet l-ittra kienet attwalment dik illi tinghata pubblicita'.

Ghalhekk, il-fatt li tghid fl-eccezzjonijiet li kull ma ghamlet kien illi baghtet email lill sitt persuni tikkontrasta bi kbir ma dak li incitat lill qarrejja ta' l-email taghha biex jaghmlu.

Tali eccezzjoni ta' pubblicita' ghalhekk, ma tregix.

It-tieni difiza imressqa mill-intimati hija dik li dak li stqarret hi kien opinjoni personali taghha u ghalhekk ma kienx malafamanti. Il-Qorti tifhem illi tali difiza, ghalkemm mhux miktuba f'tali mod, qieghda tqajjem id-difiza ta' 'fair comment' fuq dak illi qalet hi.

Fl-ktieb **Gatley on Libel and Slander** (Sweet & Maxwell (London), 1981 jinghad hekk dwar in-natura ta' kumment:

*A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. "A libellous statement of fact is not a comment or criticism on any thing". But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment. (para. 697, pagna 294).*

Kif ikompli jghid l-istess Gately

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that*

*the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Dwar l-element ta' malizia, kif stqarr Lord Nichols fil-kawza **Cheng** [2001] EMLR 777

*"Proof of malice is the means whereby a plaintiff can defeat a defence of fair comment where a defendant is abusing the defence. Abuse consists of using the defence for a purpose other than that for which it exists. The purpose for which the defence of fair comment exists is to facilitate freedom of expression by commenting on matters of public interest. This accords with the constitutional guarantee of freedom of expression. And it is in the public interest that everyone should be free to express his own, honestly held views on such matters, subject always to the safeguards provided by the objective limits mentioned above. These safeguards ensure that defamatory comments can be seen for what they are, namely, comments as distinct from statements of fact. They also ensure that those reading the comments have the material enabling them to make up their own minds on whether they agree or disagree."*

Issa, fil-kaz odjern, qari akkurata ta' l-ittra li ppubblikat l-intimata turi illi, a differenza ta' dak li kien rikjest minnha, jidher illi hija naqqset milli ssemmi fatt illi jidher indikat fl-informazzjoni illi ottjena Dr Anthony Gruppetta minghand it-tabib illi ra il-kelba, ossija illi, a differenza ta' dak minnha allegat, imkien ma issemma li kien hemm sitt suturi neqsin. Apparti minn hekk, haga aktar importanti illi l-intimata naqqset milli ssemmi kienet il-fatt illi xi hadd minnhom qabad u ghamel wahda mis-suturi huwa stess qabel ma marru ghand it-tabib. Tali fatti, certament, kienu essenzjali biex il-qarrejj jifhem il-kwadru kollha tal-fatti, u il-Qorti thoss li tali nuqqas da parte ta' l-intimata certament juri illi, da parte taghha, kien hemm l-intenzjoni sabiex taghmel hsara lilll-persuna kontra min tali ittra kienet qed tinkiteb, ossija r-rikorrenti Dr Charmaine Xuereb.

Ghalhekk il-Qorti thoss illi tali difiza ta' fair comment ma tissusistix lanqas.

**Ikkunsidrat**

Illi, la darba id-difizi ta' l-intimati gew ikkunsidrati, il-Qorti trid tghaddi biex tikkunsidra il-piena illi ghandha tistabbilixxi tenut kont tal-fatt illi l-malafama attwalment sehhet.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax zewgt affarjiet li certament jimmilitaw favur l-intimati.

Wahda mill affarjiet li qed tikkunsidra l-Qorti hija l-fatt li l-pubblikazzjoni per se Jidda illi giet cirkolata mhux fuq xi mezz tax-xandir pubbliku, jigifieri radio, televizjoni, gazzetti, jew social networks izda permezz ta' email. Apparti minn hekk, ma jidhirx illi tali publikazzjoni tqieghdet fuq xi mezz ta' l-internet iehor bhalma huwa xi web-site jew blog illi huwa accessibbli ghall pubbliku. Dana qieghed jinghad ghax, fil-konsiderazzjonijiet dwar kemm soffriet danni finanzjarji ir-rikorrenti, il-Qorti trid tikkunsidra kemm saret pubblicita' tal-att malafamatorja.

Jirrizulta, fil kaz in ezami, li tali att malafamanti intbghat permezz ta' email u, ghalkemm intbghat lill bizzejjed persuni sabeix tkun meqjusa bhala publikazzjoni u ghalhekk libelluza, ma jidhirx illi intbghatet b'xi mezz illi tista tassikura xandira wiesgha tal-att malafamanti lill-pubbliku in generali. Huwa minnu illi r-rikorrenti stqarret li hija saret taf dwar l-email minn email illi baghtilha persuna li  tafha, izda huwa minnu wkoll illi ma ngabietx prova li turi li l-pubblikazzjoni ta' tali att malafamanti kien daqstant kbir.

It-tieni element illi jimmilita favur l-intimata, ghalkemm fi grad anqas, hija l-fatt li, wara li giet ikkuntattjata mill-Puluzija, hija baghtet e-mail fejn tispjega li qatt ma kienet qed tikkontesta il-kwalifici akkademici tar-rikorrenti. Dana huwa fatt illi huwa stqarret dakinhar u stqarret ukoll quddiem dina l-Qorti. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma

tirrilevax illi tali korrezzjoni da parte ta' l-intimata certament ma inghatax l-istess prominenza ta' dik ta' l-ewwel ittra taghha, u dana peress illi hija baghtet tali korrezzjoni lill-persuni li kienet taf hi, izda ma kienet f'ebda posizzjoni illi tghaddi tali korrezzjoni ukoll lill-persuni, minnha mhux maghrufa, illi kienu raw l-email, fosthom il-persuna li kienet taf lir-rikorrenti.

Tali fatti ser jigu kkunsidrati fil-kalkolu li l-Qorti ser eventwalment taghmel gahd-danni li soffriet ir-rikorrenti.

Fl-ahhar nett, il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka illi, tul il-proceduri odjerni, imkien ma ingiebet xi prova tal-involviment ta' Mark Cilia La Corte fil-kwistjoni kollha, la minn naha tar-rikorrenti u lanqas minn naha ta' l-intimati, u ghalhekk il-Qorti thoss illi l-intimati ma ghandhom ibaghtu ebda spejjez ghal dak li jirrigwarda xi spejjez illi inkorra Mark Cilia La Corte jew xi drittijiet u spejjez minnu dovuti abbazi ta' dina s-sentenza.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha u d-dokumentazzjoni kollha esebita quddiem il-Qorti;

Wara illi rat il-kontenut ta' l-email ossija dokument anness ma' email, liema dokument kien intitolat ***"Justice in memory of our beloved dog Muffin"*** ippubblikat mill-intimati Bernice Ebejer u Raymond Gatt;

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju ghal dak li jirrigwarda Mark Cilia La Corte u ghalhekk tichad it-talba ta' Mark Cilia La Corte

Tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-istess intimati ghal dak li jirrigwarda it-talba attrici ta' Dr Charmaine Xuereb u ghalhekk

Tilqa' it-talba attrici ta' Dr Charmaine Xuereb u tiddikjara illi l-email ossija dokument anness ma' email, liema dokument kien intitolat *"Justice in memory of our beloved dog Muffin"* ippubblikat mill-intimati Bernice Ebejer u Raymond Gatt kien libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-istess Dr Charmaine Xuereb u

Tillikwida id-danni sofferti mill-istess Dr Charmaine Xuereb a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 fil-valur ta' mitejn u hamsin Euro (€250) u, konsegwentement

Tikkundanna lill Bernice Ebejer u Raymond Gatt, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lill Dr Charmaine Xuereb is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) bhala danni sofferti minnha rizultat ta' l-email taghhom flimkien ma' l-ispejjez tal-proceduri odjerni inkorsi minn Dr Charmaine Xuereb salv dawk ta' Mark Cilia La Corte, liema spejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------